**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 7 ta' Dicembru 2022**

**Avviz nru: 8/2020 MLF**

**GO p.l.c**

**vs**

**Nicolaie Cristina Nicoleta u b'digriet tal-Qorti tas-17 ta' Marzu 2021, Dr Graziella Tanti giet mahtura bhala Kuratur Deputat biex tirraprezenta l-interessi tal-intimata**

Il-Qorti;

1. Rat ir-rikors tas-socjeta attrici fejn talbet sabiex l-intimata tigi kkundannata thallasha s-somma ta' sebat elef tmien mija u wiehed u sittin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€7,861.93) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40856078.
   Bl-ispejjez, komprizi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-intimata

2. Rat illi fit-22 ta' Gunju 2021 il-Kuratur Deputat Dr. Graziella Tanti mahtura sabiex tirraprezenta l-interessi ta' Nicolaie Cristina-Nicoleta ipprezentat risposta fejn esponiet:

1. Illi l-esponenti kuratur deputat mhijiex edotta mill-fatti tal-kaz de quo u ghalhekk qed tirriserva id-dritt li tipprezenta risposta motivata u ulterjuri flimkien ma' lista ta' xhieda u dokumenti jekk ikun il-kaz, f'kaz u jekk tigi edotta mill-fatti

2. Illi minghajr pregudizzju ghal dak suespost, it-talbiet tas-socjeta attrici u l-pretensjonijiet taghhom huma nfondati fil-fatt u kemm fid-dritt u m'ghandhomx jigu milqugha;

3. Rat li fis-seduta tal-24 t' Ottubru 2022 Dr Graziella Tanti Kuratur Deputat tal-konvenuta iddikjarat li peress li hija mhix edotta mill-fatti u l-attentati taghha biex tikomunika mal-konvenuta irrizultaw kollha fin-negattiv, hija mhux f'pozizzjoni li tressaq provi f'dawn il-proceduri

4. Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u d-dokumenti esebiti

5. Rat li fl-istess seduta tal-24 t'Ottubru 2022 l-avukati difensuri tal-partijiet qablu li l-kawza tista tithalla ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum

**Ikkunsidrat**

6. Mill-affidavit ta' Beverly Xerxen, ipprezentat mis-socjeta attrici, jirrizulta li l-ammont pretiz hu dovut in konnessjoni ma' servizzi li s-socjeta tat lill-konvenuta a bazi ta' kuntratt, liema kuntratt gie terminat mill-konvenuta qabel iz-zmien stipulat fl-istess kuntratt. Skond l-istess xhud l-ammont pretiz fl-intier tieghu ghadu dovut

7. Din ix-xhieda u d-dokumenti ezebiti ma gew bl-ebda mod kontestati u din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn ghandha tiddubita mill-veracita taghhom

**Konkluzjoni**

8. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenuta Nicolaie Cristina-Nicoleta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sebat elef tmien mija u wiehed u sittin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€7,861.93), bl-imghax legali kontra l-konvenuta li ghandu jibda jiddekorri mit-2 ta' Gunju 2021, data tan-notifika tal-avviz promotur lid-deputat kuratur tal-konvenuta.

9. L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, ghandhom jigu subiti mill-konvenuta

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**